art ta' Kux. U isem it-tielet xmara Hiddeqel, li tmur għal tlugħ ix-xemx ta' Axxur. Ir-raba' xmara Parat" (1).

Dawn huma l-kliem tai-ktieb tal-Ġenesi, naraw issa naqbdux xi tarf minnhom, biex inkunu nafu fejn kienet il-ġenna tal-art. Isem l-aħħar żewġ xmajjar hu magħruf il-lum ukoll, għaliex Hiddeqel hu t-Tigri u Parat hu l-Ewfrate. Dawn iż-żewġ xmajjar jinsabu fil-Mesopotamia u għandhom in-nisel tagħhom fl-Armenia, xi siegħa bogħod waħda mill-oħra, jimxu mill-majjistral għax-xlokk, sa kemm jingħakdu xmara waħda, imbagħad jinxteħtu f'dik id-daħla ta' baħar li tissejjaħ il-Golf Persiku. Imma t-tnejn l-oħra, il-Giħon u l-Fixon? Dawn il-lum ma nafux fejn huma. Ħalli naraw xi jgħidu l-għorrief. Hemm fil-qrib għandhom in-nisel żewġ xmajjar oħra, l-ewwel waħda il-lum imsejħa Kur, li tixteħet fil-għadira kbira msejħa Baħar Kaspiu, din aktarx hi l-Fixon, u l-art ta' Hewilat hi dik li l-Griegi sejħu Colcides, u kien fiha bosta deheb. It-tieni xmara l-lum tissejjaħ Aras, imma, l-Għarab isejħulha Ġakun ir-ras, isem li jixbaħ lil dak ta' Giħon; din tixteħet ukoll fil-Baħar Kaspju. Minn dan kollu nistgħu ngħidu li l-ġenna tal-art aktarx kienet fl-Armenja. U xejn ma għandna nħabblu moħħna, jekk dawn ix-xmajjar ma humiex ġejjin minn ras waħda, għax il-wiċċ tal-art jitbiddel bit-theżżiż tal-art u l-ilmijet, u dan tal-Armenja tbiddel bil-għarqa tad-dinja.

Dawk iż-żewġ kelmiet lhud, *bdollaħ* u *xoħam*, ifissru l-ewwel waħda bħal gomma tfuħ, jew aktarx il-ġawhar, u it-tieni hi ħaġra għażiża, *onyx* bil-latin, u hi sabiħa b'ħafna lewnijiet.

**Dun Pietru Pawl.**

(1) Ġen. II, 8-14.

# XEWQAT!

Jien ngħanni rrid il-lum lilek, ja Dwejra,
li tbajjad qiegħda waħdek fost il-ħmura
ta' l-egħlieqi li bihom Int imdawra.
Rajtek dal-għodu x'ħin id-dlam kien ħarab,
waqt li tax-xemx id-dawl kien għadu moħbi.
Rajtek tixxerref fuq l-ixfar tar-raba'
fejn ilu ftit kien għadu l-moħriet jofroq,
wix-xemx għabet għall-kollox, x'ħin is-sema
bajdani ma baqâx daqs dik ġeblitek.



Il-lejla qamar; u bla ma taf xejn Inti,
x'ħin fik ma jkunx hemm ħoss ta' ħajja u l-għajta
tal-werżieq u l-inħir ta' sidek fl-għorfa
ma tismax ħliefhom.... l-ebda wens ħlief tagħhom,
inkun inħares lejk, inkun nixtieqek,
nixtieqek biex tfejjaqli moħħi w-qalbi
mill-marda ta' dil-ħajja li q'ed ngħaddi....
ninfena ta' kulljum bla ma ninduna
li l-aħħar art hi għal kullħadd il-qabar.
Kemm kien ikun aħjar nagħmel bħal sidek;
nagħlaq id-dinja kollha bejn ħitanek,
u biss min-nies magħruf tal-għorfiet l-oħra,
niżra' fil-ġuf tal-art il-ħajja li Alla
bix-xita wix-xemx Tiegħu kollu ħniena
inissel b'għerfu u b'għerfu jaf ikabbar.
Kieku tarani kont wara jum xogħol
għall-mistrieħ dieħel malli troxx id-dalma...
u waqt li l-borma tfawwar fuq ix-xedda,
marti trodd is-salib, ma' djulha mdendla
hawn dlonk bin-ngħas l-ulied li Alla tâna
u bihom għoġbu jhenni dik ħajjitna.
Hemm fuq il-għatba wara l-fatra npejjep,
u wara tal-imwiet rieqed issibni
qalb il-ħmiemel tas-silla wil-furrajna...
kemm kien ikun aħjar nitgħallem naqra
il-ħin tal-jum fix-xemx, tal-lejl fil-kwiekeb
wiż-żmien li naħrat, niżra', nneqqi, naħsad;
nagħraf l-għasfur mill-għanja, mit-titjira,
nagħraf mis-sħab ir-riħ, il-bnazzi, ix-xita
u mgħobbi biss bil-ħsieb kif l-ilma naħżen
għaż-żmien l-inxief biex nista' nifdi l-qbiela.
Kemm kien ikun aħjar, jaħasra, għalija;
kieku kont tista' tħares ġewwa ruħi,
kieku kont tista' taqra ġewwa qalbi,
kieku kont tista' tara ġewwa moħħi....
kemm dlonk kienet tisfar il-bjuda tiegħek,
u liema ħasra kienet fik titnissel
għall-ħajja tiegħi ta' taqbid u frugħa...
Ja Dwejra li ma tafx kemm hi qalila
il-ħidma ta' min jgħix bl-hena ta' ħolma
li jrażżan lil min jaħqar lil pajjiżu...
li jeqred il-mibegħda, bint il-ħażen,
li jara lil kullħadd fis-sliema t'Alla.

**C. M. B.**

Wied il-Għajn is-Sajf tal-1931.